Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Lulju 2023
(OR. en)

PUBLIC

8280/3/23
REV 3 ADD 1

LIMITE

ACP 25
COAFR 133
COLAC 36
COASI 76
WTO 49
RELEX 452

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0145(NLE)**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 9752/21 + ADD 1-2 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra<br>- Dikjarazzjonijiet |

## DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-COREPER U TAL-KUNSILL

### Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-intenzjoni tal-Kunsill li jadotta deċiżjoni li temenda l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra (COM (2021) 312 final), biex tinbidel in-natura tal-Ftehim ta' Sħubija minn ftehim tal-UE biss għal ftehim imħallat.

2. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa politika li l-Ftehim ta' Sħubija jiġi ffirmat malajr kemm jista' jkun.

3. Madankollu, il-Kummissjoni żżomm il-valutazzjoni legali tagħha dwar in-natura unika tal-UE tal-Ftehim ta' Sħubija, li kontriha ma tqajjem l-ebda argument legali.

4. Għalhekk, il-Kummissjoni ma taċċettax li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim elenkati fl-Artikolu 4 il-ġdid huma esklużi mill-applikazzjoni proviżorja minħabba li allegatament ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-Unjoni. B'mod aktar fundamentali, il-Kummissjoni tqis li l-Kunsill m'għandux is-setgħa li jemenda fis-sustanza t-test ta' ftehim kif anness ma' proposta għall-adozzjoni ta' deċiżjoni biex jiġi ffirmat il-ftehim. In-negozjatur għandu l-prerogattiva unika li jinnegozja t-test tal-ftehim u jipproponi l-iffirmar tiegħu lill-Kunsill.

5. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li, jekk ikun hemm bżonn, tuża l-mezzi ġuridiċi kollha disponibbli għaliha biex tiżgura li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tat-Trattati.

## <u>Dikjarazzjoni mill-Ungerija</u>

**dwar il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra**

L-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa taw xhieda ta' kunsens eċċezzjonali. Dawn poġġew it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-iżvilupp u minn meta ġew adottati saru kisbiet importanti fl-oqsma tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-edukazzjoni. Dawn l-oqsma huma fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li jinkorporaw il-prinċipji fundaturi tar-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

L-Ungerija tibqa' żżomm l-impenji tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa bħala valur fundamentali fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 TUE u fl-Artikolu 8 TFUE. F'konformità ma' dan u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa".

PUBLIC

L-Ungerija turi impenn kbir rigward l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing kif ukoll rigward l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, li jservu wkoll ta' referenzi bażiċi fl-oqsma tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet riproduttivi. L-Ungerija tinnota li t-terminu "saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR)" u kwistjonijiet relatati, bħal "informazzjoni u edukazzjoni komprensivi dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva", jonqoshom definizzjoni legali kunsenswali fil-livell internazzjonali, inkluż fl-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, is-suġġett jikkonċerna definizzjonijiet legali li jaqgħu taħt il-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri. Għaldaqstant dawn il-kwistjonijiet huma interpretati u promossi mill-Ungerija fil-kuntest tal-Aġenda 2030, il-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha. L-Ungerija tinnota f'dan ir-rigward li l-gwida teknika internazzjonali tal-UNESCO rigward l-edukazzjoni dwar is-sesswalità, kif imsemmi fil-Ftehim, ma ġietx adottata jew approvata mill-UE jew mill-Istati Membri kollha tagħha, u għalhekk ma tista' bl-ebda mod titqies bħala parti mill-acquis tal-UE. L-Ungerija taqbel mal-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bil-fehim li s-sempliċi referenza fil-Ftehim għal dik il-gwida teknika internazzjonali tal-UNESCO ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali f'dan ir-rigward, ma toħloqx preċedent fir-rigward ta' referenzi futuri fi ftehimiet internazzjonali jew dokumenti oħra tal-UE u bl-ebda mod ma tagħmel il-gwida teknika vinkolanti għall-Partijiet. Barra minn hekk, f'kuntest ġenerali wkoll, l-Ungerija tqis li ma jista' jirriżulta l-ebda preċedent legali mill-adozzjoni ta' dan id-dokument rigward l-interpretazzjoni tal-SRHR.

B'kont meħud li l-flussi migratorji illegali huma relatati mill-qrib ma' diversi forom ta' kriminalità organizzata, li huma ta' theddida għall-pajjiżi kollha u jeħtieġu approċċ komprensiv fl-indirizzar tal-flussi migratorji, l-Ungerija ssostni li r-referenzi fil-Ftehim għall-ġestjoni tal-migrazzjoni għandha tinftiehem bħala t-trażżin tal-flussi mħallta ta' migrazzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 79(1) TFUE, jiġifieri biss b'rispett sħiħ tal-objettiv, minqux fih, għall-prevenzjoni ta', u miżuri msaħħa għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, kif ukoll id-dritt tal-Istati Membri kif stipulat fl-Artikolu 79(5) TFUE, li skontu d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi ma għandux jiġi affettwat. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-politika ġenerali tal-Ungerija li għandha l-għan li tillimita l-migrazzjoni illegali minflok ma tiġġestixxi l-fenomenu.

PUBLIC

Fir-rigward tar-referenzi fil-Ftehim għal migrazzjoni sikura, ordnata u regolari u l-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari (GCM) l-Ungerija tinnota li l-GCM ma ġiex adottat jew approvat mill-UE jew mill-Istati Membri kollha tagħha, u għalhekk ma jista' bl-ebda mod jitqies bħala parti mill-acquis tal-UE. L-Ungerija taqbel mal-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bil-fehim li r-referenzi t'hawn fuq fil-Ftehim ma jbiddlux is-sitwazzjoni legali f'dan ir-rigward, ma joħolqux preċedent fir-rigward ta' referenzi futuri fi ftehimiet internazzjonali jew dokumenti oħra tal-UE u bl-ebda mod ma jagħmlu l-GCM vinkolanti għall-Partijiet.

**<u>Dikjarazzjoni mill-Irlanda</u>**

L-Irlanda tfakkar li, jekk il-Partijiet jiddeċiedu, fil-qafas ta' dan il-Ftehim, li jidħlu fi ftehimiet speċifiċi fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li kellhom jiġu konklużi mill-UE skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehimiet speċifiċi futuri ma jorbtux lill-Irlanda dment li l-UE, simultanjament mal-Irlanda fir-rigward tar-relazzjonijiet bilaterali preċedenti tagħha, ma tinnotifikax lill-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku li l-Irlanda ntrabtet b'tali ftehimiet speċifiċi futuri bħala parti mill-UE f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Bl-istess mod, kwalunkwe miżura sussegwenti interna tal-UE li kellha tiġi adottata skont it-Titolu imsemmi preċedentement biex jiġi implimentat dan il-Ftehim ma torbotx lill-Irlanda sakemm din ma tkunx innotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem jew taċċetta tali miżuri f'konformità mal-Protokoll Nru 21.